# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 18 ta' Mejju, 2001 .

### Citazzjoni numru : 125/99G1(PC)

**Bank of Valletta plc .**

**VS**

**M.B.T. Services Limited .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni illi permezz taghha l-bank attur wara li ppremetta :**

**Illi s-socjeta kummercjali M.B.T. Services Limited, konvenuta f'din il-kawza, tinstab debitrici versu l-bank attur (I) fis-somma ta' erbghin elf, tlett mija u sitta u sittin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm40,366.65) bilanc fl-overdraft account Nru: 12318176022 salvi mghaxijiet ulterjuri mid-data tat-tletin ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (30/03/1999) sad-data tal-effettiv pagament, u (II) fis-somma ta' elf hames mija u hamsa u tletin lira maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1,535.95c) bilanc fl-overdraft account numru 12418176048 salvi mghaxijiet ulterjuri mid-data tat-tletin ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (30/03/99), kif jirrizulta mill-anness prospett markat Dokument Dok BOV-1 sa BOV-4 u l-kuntratt ta' overdraft ippubblikat fis-sbatax ta' Settembru elf disa' mija u sebgha u disghin (17-09-1997) fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech (Dok BOV-5 u 6);**

**Illi permezz tal-ittra tal-ghaxra ta' April elf disa' mija u disgha u disghin (10/04/1999)(dok BOV-7) l-attur avza formalment lill-istess socjeta' konvenuta li qieghed jittermina l-facilitajiet bankarji ta' overdraft u konsegwentement interpellaha sabiex thallas minnufih il-bilanc tal-istess debitu ;**

**Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata biex thallas id-dejn fuq imsemmi anke permezz ta' ittra ufficjali tas-sbatax ta' Gunju elf disa'**

**mija u tmienja u disghin (17/06/1998) (Dok BOV-8) izda baqghet inadempjenti ;**

**Illi l-imsemmi ammont huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'iggib kontra d-domanda tal-istanti .**

**Talab lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ;**

1) **Tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talba tal-attur u dan bid-dispensa tas-smiegh kif hemm mahsub fl-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ;**

2) **Tiddikjara li s-socjeta' kummercjali M.B.T. Services Limited, konvenuta f'din il-kawza, tinstab debitrici versu l-bank attur (I) fis-somma ta' erbghin elf, tlett mija u sitta u sittin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm40,366.65) bilanc fl-overdraft account Nru: 12418176022 salvi mghaxijiet ulterjuri mid-data tat-tletin ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (30/03/1999) sad-data tal-effettiv pagament, u (II) fis-somma ta' elf hames mija u hamsa u tletin lira maltin u hamsa u disghin centezmu (LM1,535.95c) bilanc fl-overdraft account numru 12418176048 salvi mghaxijiet ulterjuri mid-data tat-tletin ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (30/03/1999), u konsegwentement**

3) **Tikkundannaha sabiex thallas (I) is-somma ta' erbghin elf, tlett mija u sitta u sittin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (LM40,366.65) bilanc fl-overdraft account Numru : 12418176022 salvi mghaxijiet ulterjuri mid-data tat-tletin ta' marzu tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (30/03/1999) sad-data tal-effettiv pagament, u (II) is-somma ta' elf hames mija u hamsa u tletin lira maltin u hamsa u disghin centezmu(LM1,535.95c) bilanc fl-overdraft account numru 12418176048 salvi mghaxijiet ulterjuri mid-data tat-tletin ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (30/03/1999).**

4) **Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali fuq imsemmija u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, u bl-ingunzjoni minn issa stess tas-socjeta' konvenuta ghas-subizzjoni taghha .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-attur ikkonfermata bil-gurament ta' Anthony Scicluna f'isem l-istess bank .**

**Rat id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni .**

**Rat ukoll in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta MBT services limited, li biha eccepiet :**

1. **Illi in linea preliminari, l-eccipjenti ma ghandha ebda relazzjoni ma' xi entita' li jisimha 'Bank of Valletta', u ghalhekk hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kollha kontra l-attur.**

2. **Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici huwa esagerat u kwindi mhux dovut fl-interezza tieghu, in kwantu s-socjeta' Bank of Valletta Limited, aktar 'il quddiem maghrufa imbaghad bhala Bank of Valletta plc addebitat lill-esponenti b'interessi fuq interessi f'perijodi ta' anqas minn sena kontra id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili, u ghaldaqstant fi kwalunkwe kaz ghandu jkun hemm riduzzjoni fl-ammont illi l-eccipjenti ghandu jkun tenut ihallas .**

3. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess socjeta' konvenuta ikkonfermata bil-gurament ta' Bruno Tucci f'isem l-istess socjeta' .**

**Semghet lil Anthony Scicluna ghan-nom tal-bank attur jixhed bil-gurament u jikkonferma li l-ammont mitlub fic-citazzjoni ghadu kollu dovut .**

**Rat ukoll in-nota tas-socjeta' konvenuta ta' l-10 ta' April, 2001, li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici .**

**Il-Qorti ghalhekk u in vista' ta' din l-ammissjoni ta' l-istess socjeta' konvenuta, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara lis-socjeta' konvenuta M.B.T. Services Limited, debitrici versu l-bank attur, fis-somma ta' erbghin elf tlett mija sitta u sittin lira maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm40,366.65c) bilanc fl-overdraft account numru 12418176022 salvi mghaxijiet ulterjuri mid-data tat-tletin ta' marzu tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (30/03/1999) sad-data tal-pagament effettiv; it-tieni fis-somma ta' elf hames mija u hamsa u tletin lira maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1,535.95c) bilanc fl-overdraft account numru 12418176048 salvi mghaxijiet ulterjuri mid-data tat-tletin ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (30/03/99), u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-bank attur is-somma ta' erbghin elf, tlett mija u sitta u sittin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (LM40,366.65) bilanc fl-overdraft account Numru : 12418176022 salvi mghaxijiet ulterjuri mid-data tat-tletin ta' marzu tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (30/03/1999) sad-data tal-effettiv pagament ; u t-tieni s-somma ta' elf**

**hames mija u hamsa u tletin lira maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1,535.95c) bilanc fl-overdraft account numru 12418176048 salvi mghaxijiet ulterjuri mid-data tat-tletin ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (30/03/99) .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali msemmija u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, kollox kontra s-socjeta' konvenuta .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera kopja**

**Ghar-Registratur**

S12599Pc
1053